Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,884, 14 ta' Diċembru, 1999
Taqsima B

A.L. 210 ta' l-1999

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet dwar Ċensura ta' Produzzjonijiet Drammatiċi u ta' Produzzjonijiet oħra tal-Palk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet dwar Ċensura ta' Produzzjonijiet Drammatiċi u ta' Produzzjonijiet oħra tal-Palk, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1973 dwar id-Drittijiet dwar Ċensura ta' Produzzjonijiet Drammatiċi u ta' Produzzjonijiet oħra tal-Palk, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 45 ta' l-1973.

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"SKEDA

(Regolament 2)

1. Id-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar eżami ta' produzzjonijiet tal-palk bil-Malti jew b'ilsien barrani għandhom ikunu ta' Lm5 għal kull produzzjoni.".